Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Louis Scicluna

Vs

Robert Cauchi

CCT 41/25/MM

Illum, 13 ta' Mejju 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fis-27 ta' Frar 2025 fejn talab is-somma ta' tlett mija u ħamsa u disgħin ewro (€395), rappreżentanti l-ispiża li nefaq biex jibdel pompa tal-fuel u battery biex issir it-tiswijja fil-magna tal-vettura tiegħu.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent jispjega li kien ħa l-karozza tal-mara tiegħu għat-tiswija għand l-intimat peress li l-vettura ma kinietx qegħda tistartja wara li tkun ila mitfijja għal erba' digħat jew iżjed. Illi l-intimat għamel test bil-kompjuter u ssuġerixxa lill-attur li l-problema setat kienet ġejja mill-pompa tal-fuel. Illi l-attur xtara pompa tal-fuel u sussegwentement l-intimat qallu li l-battery kienet inħarqet u kellha tinbidel u għalhekk l-attur kellu jixtri battery ġdida. Illi meta l-attur mar biex jiġbor il-karozza tiegħu, l-intimat assigurah li l-karozza kienet qed taħdem kif suppost. Illi r-rikorrent jispjega li huwa talab lill-mekkanik li jagħtih *post dated*

cheque biex iserrah rasu li l-vettura kienet qed tahdem tajjeb ihda l-intimat insista li jaghtih il-hlas immedjat. Illi l-ghada li r-rikorrenti ha l-karozza mingħand l-intimat regat ma startjatx u ghalhekk ir-rikorrenti mar ghand il-mekkanik ghas-sodisfazzjoni. Illi l-intimat offra li jerga jezamina l-vettura fi zmien tlett gimghat stante li kien hemm il-festi. Illi r-rikorrenti ghazel li jmur ghand mekkanik habib tieghu u dan mill-ewwel qallu li l-problema kienet gejja minn '*coolant sensor*' u fil-fatt kif inbidel is-sensor, il-vettura giet tajba mill-ewwel.

Illi l-intimat irrisponda billi qal li huwa ghamel xoghol skont is-sengha u l-arti u spjega li l-vettura harget mill-garage tieghu tahdem tajjeb. Illi l-intimat spjega li l-vettura kienet ga dahlet f'garage ta' mekkanik iehor u ma sabx tarf u kien ghalhekk li r-rikorrenti gie ghandu u cioe' biex jaghmillu test bil-kompjuter. Illi t-test tal-kompjuter indika li l-pompa tal-fuel kienet qed tahdem hazi peress li kellha fuel pressure baxx hafna.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaccjat b'kunflitt ta' provi ghal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u cioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli ghall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgharbel liema verzjoni hija tassew l-aktar wahda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jaghmel evalwazzjoni dwar jekk verzjoni wahda teskludix l-ohra. Fil-kaz tal-lum l-ebda verzjoni ma tista' tiskredita lill-ohra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem*

ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal m'ghandux gharfien espert mekkaniku u ma jistax jivverifika b'mod indipendenti l-kawża tal-ħsara fil-vettura jew jekk ix-xogħol li għamel il-konvenut kienx sar għal xejn u jew kien sar ħażin. L-attur ma ppreżentax rapport ta' espert indipendenti jew talab lit-Tribunal biex jaħtar espert tekniku, li kien ikun meħtieġ biex tiġi stabbilita b'ċertezza risposta għad-domandi li għamel dan it-Tribunal. Illi mingħajr kontribut ta' espert, it-Tribunal ikollu jibbaża ruħu fuq l-ispjegazzjonijiet li jagħtu l-partijiet.

Illi r-rikorrenti jispejga li wara li mar għand l-intimat kien mar għand mekkanik ħabib tiegħu u dan kien sab tarf tal-problema b'mod definittiv. Illi dan l-allegat ħabib tar-rikorrent ma ġiet mitlub.

Illi l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-attur, u fin-nuqqas ta' provi ċari u indipendenti, it-Tribunal ma jistax isib tort fl-intimat. Illi ma nġabet l-ebda prova mir-rikorrent sabiex juri b'mod ċar li x-xogħol li għamel l-intimat kien sar ħażin jew sar għalxejn. Illi minn naħa waħda huwa possibli li dak li għamel l-intimat kien bżonnjuż iżda mhux biżejjed u ċioe' li kien hemm bżonn xogħol addizzjonali bħal sensor tal-fuel ġdid biex il-vettura tiġi tajba minn kollox – u għalhekk f'din l-ipoteżi r-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju jew danni. Illi jista' jkun ukoll li l-vettura ma kellix bżonn li tinbidilla l-pompa u l-battery iżda sempliċiment sensor u għalhekk f'din l-ipoteżi, l-intimat kien negliġenti f'xogħolu – iżda f'dan il-każ ir-rikorrenti jeħtieġ li jġib il-provi – ħaġa li huwa m'għamilx. Illi t-Tribunal lanqas għandu quddiemu evidenza tal-aktar prova bażika u ċioe' u li s-sensor tal-fuel inxtara.

It-Tribunal huwa tal-fehema li r-rikorrenti naqas milli jistabbilixxi, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li l-konvenut kien responsabbli għad-danni li qiegħad jitlob u għalhekk it-talba ser tiġi miċħuda minħabba nuqqas ta' evidenza suffiċjenti.

Deċiżjoni

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru